KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 70

**It-Tnejn 16 ta' Ottubru 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Vella – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

70.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija tal-Viċi Sindku. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku u tal-Kunsill li minħabba li l-Viċi Sindku kien naqas milli jattendi t-terz tal-laqgħat li nzammu fl-aħħar sitt xhur, hija kienet obbligata tpoġġi din il-materja għad-diskussjoni formali waqt il-laqgħa li jmiss.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

70.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

70.2.2 Il-Kunsillier Mifsud propona li dawn jiġu approvati filwaqt li s-Sindku ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 70.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

70.3.1 Is-Sindku talab li qabel ma jibda l-kommunikazzjonijiet tiegħu jwassal messaġġ qasir dwar dak li kien għadu kif ġara ftit sigħat qabel f'Malta. Huwa kkundanna bla riservi kwalunkwe attakk fuq il-libertà tal-espressjoni u insista li aħna lkoll aħwa Maltin u bħala Kunsill irridu, għaldaqstant, nipprovwovu l-għaqda u mhux inkattru l-mibgħeda.

70.3.2 Hawnhekk waslet il-Kunsillier Bugeja. Il-ħin kien it-7:42pm.

70.3.3 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar jekk hemmx min jixtieq jagħmel xi kummenti oħra, il-Kunsillier Mifsud qal li huwa jaqbel mal-kliem tas-Sindku u stressja li l-espressjoni tal-kelma ma tistax tiġi attakkata b'dan il-mod f'pajjizna.

70.3.4 Is-Sindku qal li l-ħarġa għall-anzjani għall-gzira ta' Għawdex kienet suċċess. B'kollox kien hemm grupp ta' madwar 60 u hu u l-Kunsilliera Bugeja kienu attendew f'isem il-Kunsill. Huwa nnota bi pjaċir li fil-grupp kien hemm taħlita ta' anzjani mil-lokalità u anke mid-Dar tal-Anzjani.

70.3.5 Is-Sindku informa li l-attivitajiet li jmiss għal din is-sena se jkunu ħarġa għall-monti f'Novembru u l-attivitajiet tal-Milied tas-soltu f'Diċembru. Hawnhekk kien hemm qbil li data għall-ikla bejn il-kunsilliera u l-istaff għandha tinzamm nhar is-Sibt 6 ta' Jannar 2017 filwaqt li l-ikla tal-komunità għandha tinzamm is-Sibt 16 ta' Diċembru.

## 70.4 Deċizjoni dwar attwar ta' xogħlijiet diversi madwar il-lokalità għas-sena 2017

70.4.1 Is-SE infurmat li kienu saru erba' biċċiet xogħol matul ix-xahar li għadda, ezattament *culvert* minn taht il-bankina fi Triq Sir Leslie Rundle, konkos fi Triq in-Narċis, irranġar taċ-ċint fuq wara ta' Binja Qlejgħa u *scarifying* u tbaxxiet l-art fi Triq San David viċin il-*headquarters* tal-*iscouts* minħabba l-għadajjar tax-xita.

70.4.2 Is-SE infurmat li l-Viċi Sindku kien issuġġerixxa li jsir xi konkos fuq wara tal-*bus shelter* sabiex jidher aktar pulit. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tiġi rranġata din il-biċċa konkos mitluqa u qabel ukoll li l-BP Scouts jintalbu jmexxu l-*fence* sal-arblu tal-*bus stop*.

70.4.3 Is-SE infurmat li qed tistenna mingħand il-periti sabiex isir ix-xogħol tal-*extensive patching* fi Triq San David kif ukoll xogħol fuq il-bankina u t-triq fi Triq l-Imtarfa (quddiem il-ħwienet). Dawn ix-xogħlijiet huma mistennija li jkunu tlestew sal-aħħar tas-sena.

## 70.5 Rapport tekniku u legali rigwardanti l-bosk tal-Imtarfa

70.5.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kopja tar-rapport preliminari min-naħa tal-Perit Musumeci fir-rigward tal-belveder tal-bosk. Hija infurmat li dan kien qed jitlob aktar informazzjoni b'mod speċjali min-naħa tal-perit tal-Kunsill u għaldaqstant dan ir-rapport mhux jitqies bħala konklussiv. Min-naħa tagħha kienet talbet l-informazzjoni neċessarja lill-Perit tal-Kunsill sabiex l-inkjesta tkun tista' titkompla.

70.5.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kif kien miftihem ma sar ebda intervent fuq il-bosk u mhu se jibda l-ebda xogħol sakemm ir-rapport ikun ġie konkluz u l-Kunsill jiġi infurmat bil-miktub min-naħa tal-Perit Musumeci.

70.5.3 Huwa informa wkoll li sadanittant kien irnexxielu jġib l-għajnuna tal-Ministeru biex isir it-tindif neċessarju min-naħa tagħhom. Hawnhekk is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ispiza li qed tintalab mill-kunsill fir-rigward tat-tindif tal-bosk kienet sabiex jinġab is-servizz ta' high up matul ix-xogħlijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din l-ispiza.

## 70.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart (Lulju – Sett)

70.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju mħejji mill-*accountant* tal-Kunsill permezz tal-*email* u għaldaqstant dan kien meqjus bħala moqri.

70.6.2 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart, kopja tiegħu hawn mehmuza.

70.6.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill jissospendi l-laqgħa għal ftit minuti sabiex jiddiskuti l-aġġudikazzjoni tal-offerti. Il-ħin kien it-7:55pm.

70.6.4 Il-laqgħa tkompliet fit-8:30pm.

## 70.7 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/03/2017 – Ġbir ta' skart imħallat madwar il-lokalità

70.7.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jagħzel l-offerta ta' Christ Gatt minħabba li hija ċ-*cheapest compliant*.

70.7.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill jipprova jipprolonga bi ftit il-bidu tal-kuntratt il-ġdid sabiex possibbilment il-Kunsill jilħaq jagħmel arranġamenti biex tinbeda l-ġabra tal-borza l-bajda fil-lokalità tagħna. Dan wara li s-SE fakkret li l-kuntratt il-ġdid jinkludi ġabra fuq bazi ta' erba' darbiet fil-ġimgħa biss, it-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u s-Sibt skont kif kien ġie deċiz mill-Kunsill.

70.7.3 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipprova jagħmel pressjoni sabiex il-lokalità tal-Imtarfa tkun minn tal-ewwel li tibda l-ġabra tal-borza l-bajda.

## 70.8 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/04/2017 – Ġbir ta' skart goff

70.8.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jagħzel l-offerta ta' Chris Gatt minħabba li hija ċ-*cheapest compliant*.

70.8.2 Is-SE fakkret li se jkunu qed jinbidlu l-ġranet tal-ġabra mit-Tlieta u l-Ġimgħa għall-Erbgħa u s-Sibt hekk kif jinbeda s-servizz il-ġdid.

## 70.9 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/05/2017 – *Upkeep and Mainetnance of Soft Areas*

70.9.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jagħzel l-offerta ta' Progressive Solutions Ltd. minħabba li hija ċ-*cheapest compliant.*

70.9.2 Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra jħaddem servizz ta' contracts manager għal numru zgħir ta' sigħat fil-ġimgħa sabiex għallanqas ikun hemm aktar sorveljanza fuq il-kuntratti. Hawnhekk is-SE infurmat li b'kumbinazzjoni kienet qegħda tiddiskuti mad-Districts Operations Ltd. sabiex il-Kunsill jingħata s-servizz ta' ħaddiem li qiegħed fuq il-*Community Works Scheme* u li possibbilment tkun tista' tiddedikalu ħin fuq barra jagħmel l-ispezzjonijiet matulil-ġurnata tax-xogħol tiegħu. Hawnhekk hija semmiet li dawn kienu talbu li l-Kunsill iħallas €100 fix-xahar biex ikollu dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li kemm-il darba dan l-iskrivan ikun effettiv, ikun aktar għaqli li jinġab servizz fuq 40 siegħa fil-ġimgħa għal €100 fix-xahar u għaldaqstant is-SE intalbet tagħmel intervista ma' din il-persuna.

## 70.10 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/06/2017 – Dekorazzjonijiet tal-Milied

70.10.1 F'dan il-kaz kien hemm biss offerent wieħed u għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bl-offerta tiegħu.

## 70.11 Konferma tal-assikurazzjoni tal-Kunsill

70.11.1 Is-SE infurmat li l-assikurazzjoni tal-Kunsill kienet waslet biex tiskadi. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkonferma l-polza tal-assikurazzjoni mal-istess kumpanija.

70.11.2 Sadanittant hija infurmat li kien hemm xi tibdiliet fil-baġit imma li kienet se tieħu ħsieb li jiġu emendati aktar 'il quddiem meta d-Dipartiment jgħaddi aktar informazzjoni.

## 70.12 Inizjattiva għall-Istrina – GreenMT

70.12.1 Is-SE infurmat li l-Iskema GreenMT kienu qed jipproponu li jagħtu €60 f'donazzjoni lill-Istrina ma' kull tunellata ta' pakketti tat-tetra li jinġabru. Kienu wkoll qed jabbonaw lotterija ma' din l-iskema sabiex iħeġġu lir-residenti jipparteċipaw.

70.12.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jifforma parti minn din l-inizjattiva filantropika.

## 70.13 L-elezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

70.13.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Anton Mifsud kien reġa' ġie kkonfermat bħala President tar-Reġjun Tramuntana u għaldaqstant kien reġa' qiegħed fuq il-Kumitat Ezekuttiv tal-AKL.

70.13.2 Hawnhekk il-Kunsill kollu feraħ lill-Kunsillier Mifsud u awguralu aktar xogħol siewi f'din il-kariga.

## 70.14 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

70.14.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-offerta tad-dawl tat-toroq kellha tiġi aġġudikata u approvata waqt il-laqgħa tar-reġjun li jmiss u għaldaqstant kien qed jispera li l-kuntratt mal-kuntrattur il-ġdid ikun jista' jinbeda għax-xahar ta' Diċembru.

70.14.2 Il-Kunsillier Mifsud informa wkoll li wara li kien hemm informazzjoni li zewġ reġjuni ma kinux aċċettaw li jipparteċipaw fl-iskema li offra d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant il-fondi kienu nqassmu bejn ir-reġjuni li fadal. Dan kien ifisser li kull Kunsill Lokali f'dawn ir-reġjuni kienu ħadu xi zieda fuq l-ammonti tal-proġetti.

70.14.3 Għaldaqstant huwa informa li l-allokazzjoni li se tgħaddi lill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa issa kienet telgħet għal €3454.

## 70.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

70.15.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Bugeja issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 70.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

70.16.1 Il-laqgħa intemmet fid-9:10pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 16 ta' Novembru 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 16 ta’ Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |